Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-31 ta’ Ottubru 2019 [1]

**Kawża C-234/18**

**Komisia za protivodeystvie na koruptsiyata i za otnemane na nezakonno pridobitoto imushtestvo**
vs
**BP,**
**AB,**
**PB,**
**TRAST B OOD,**
**AGRO IN 2001 EOOD,**
**ACCAUNT SERVICE 2009 EOOD,**
**INVEST MANAGEMENT OOD,**
**ESTEYD OOD,**
**BROMAK OOD,**
**BROMAK FINANCE EAD,**
**Viva Telecom Bulgaria EAD,**
**BULGARIAN TELECOMMUNICATIONS COMPANY EAD,**
**HEDZH INVESTMANT BULGARIA AD,**
**KEMIRA OOD,**
**Dunarit AD,**
**TEHNOLOGICHEN TSENTAR-INSTITUT PO MIKROELEKTRONIKA AD,**
**EVROBILD 2003 EOOD,**
**TECHNOTEL INVEST AD,**
**KEN TREYD EAD,**
**KONSULT AV EOOD,**
**Louvrier Investments Company 33 SA,**
**EFV International Financial Ventures Ltd,**
**InterV Investment SARL,**
**LIC Telecommunications SARL,**
**V Telecom Investment SCA,**
**V2 Investment SARL,**
**Empreno Ventures SARL,**
**intervenjenti fil-kawża:**
**Corporate Commercial Bank, f’likwidazzjoni**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta’ Sofija, il-Bulgarija))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Direttiva 2014/42/UE – Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI – Artikoli 2 u 5 – Konfiska – Preżunzjoni tal-innoċenza – Liġi nazzjonali dwar konfiska mingħajr kundanna kriminali preċedenti)

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

1. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari mis-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija), qiegħda tintalab id-direzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar kif għandhom jiġu interpretati diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-konfiska ta' rikavat konness mal-kriminalità, il-mezzi li permezz tagħhom jitwettqu reati ("mezzi strumentali")[2] u proprjetà. Il-kuntest huwa proċeduri ta' konfiska taħt id-dritt nazzjonali quddiem qorti ċivili li ma humiex relatati ma' kundanna kriminali u jekk tali proċeduri humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Ir-risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju tirrikjedi li l-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza l-applikabbiltà *ratione materiae* u *ratione temporis* ta' żewġ strumenti tal-Unjoni dwar konfiska, speċifikament id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI u d-Direttiva 2014/42/UE, u r-relazzjoni bejniethom.

## Id-dritt tal-Unjoni

### *It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea*

2. L-Artikolu 31(1)(c) tat-Trattat UE, fil-verżjoni applikabbli fil-perijodu meta ġiet adottata d-Deċiżjoni Kwadru, jipprovdi li azzjoni komuni dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali tinkludi "li tiżgura kompatibbiltà fir-regoli applikabbli fl-Istati Membri, kif jista' jkun meħtieġ biex tittejjeb din il-kooperazzjoni". L-Artikolu 34(2)(b) tagħha jagħti lill-Kunsill, li jkun qiegħed jaġixxi b'mod unanimu fuq l-inizjattiva ta' wieħed mill-Istati Membri jew tal-Kummissjoni, il-kompetenza li jadotta deċiżjonijiet qafas "bl-iskop ta' l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Deċiżjonijiet ta' qafas għandhom jorbtu lill-Istati Membri dwar ir-riżultat li għandu jinkiseb iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi. M'għandhomx ikollhom effett dirett".

### *Il-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji*

3. Il-Protokoll Nru 36 jorganizza t-transizzjoni mid-dispożizzjonijiet istituzzjonali tat-Trattati applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona għad-dispożizzjonijiet misjuba f'dan it-trattat[3]. L-Artikolu 9 tiegħu jipprovdi li "[l]-effetti legali tal-atti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni adottati abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona għandhom jiġu preservati sakemm dawk l-atti jiġu revokati, isiru nulli jew jiġu emendati fl-implementazzjoni ta' dawn it-Trattati [...]".

### *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

4. L-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta tad-Drittijiet Fundamentali")[4] jipprovdi li "[k]ull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skond il-liġi."

5. Skont l-Artikolu 51(1), id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali "huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni [...] u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni".

2 Din il-kelma kurjuża hija ddefinita fit-tielet inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU 2006 L 159M, p. 223) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI" jew id-"Deċiżjoni Kwadru") u tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 (ĠU 2014 L 127, p. 39), kif ikkoreġuta bir-Rettifika għad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2014 L 138, p. 114) (ara l-punti 7 u 14 iktar 'il quddiem).

3 Ara l-ewwel premessa tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji tat-TFUE.

4 ĠU 2007 C 303, p. 1.

### *Id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI*

6. Id-dikjarazzjonijiet li jsegwu jinsabu fil-premessi tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI. L-għan ewlieni tal-kriminalità organizzata transkonfinali huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, sabiex ikun effikaċi, kwalunkwe tentattiv sabiex tali kriminalità tiġi pprevenuta u miġġielda għandu jiffoka fuq it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tar-rikavat tal-kriminalità. Differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam jagħmlu dan diffiċli [5]. Għaldaqstant, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Vjenna ta' Diċembru 1998 [6], il-Kunsill Ewropew għamel sejħa għal tisħiħ tal-isforzi tal-Unjoni sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata skont pjan ta' azzjoni dwar l-aħjar mod ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [7]. Madanakollu, l-istrumenti eżistenti f'dan il-qasam ma kisbux suffiċjentement kooperazzjoni transkonfinali effikaċi fir-rigward tal-konfiska minħabba li għad hemm numru ta' Stati Membri li ma jistgħux jikkonfiskaw ir-rikavat tar-reati kollha punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iktar minn sena [8]. Għaldaqstant, l-għan tad-Deċiżjoni Kwadru huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli effikaċi li jiggvernaw il-konfiska ta' rikavat tal-kriminalità, *inter alia*, fir-rigward tal-oneru tal-prova dwar il-provenjenza tal-assi fil-pussess tal-persuna kkundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata [9].

7. It-tielet inċiż tal-Artikolu 1, jiddefinixxi "mezzi strumentali" bħala "kwalunkwe proprjetà wżata jew intiża li tiġi wżata, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, sabiex jiġi mwettaq reat kriminali jew jiġu mwettqa reati kriminali". Ir-raba inċiż tiegħu jiddefinixxi "konfiska" bħala "penali jew miżura, ordnata minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni finali ta' proprjetà".

8. L-Artikolu 2(1) jipprovdi li "[k]ull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, mezzi strumentali u rikavati ta' reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sena, jew bil-privazzjoni ta' proprjetà ta' valur korrispondenti għal tali rikavati". L-Artikolu 2(2) jipprovdi għal deroga speċifika fir-rigward ta' "reati fiskali" (li ma humiex iddefiniti): hawnhekk, l-Istati Membri "jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur tar-reat mir-rikavati tar-reat".

9. Skont l-Artikolu 4 "[k]ull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-partijiet interessati milquta mill-miżuri taħt l-Artikoli 2 u 3 jkollhom rimedji legali effikaċi sabiex jippreżervaw id-drittijiet tagħhom".

10. L-Artikolu 5 jgħid li d-Deċiżjoni Kwadru "ma għandhiex ikollha l-effett li tbiddel l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji fundamentali, inkluża partikolarment il-preżunzjoni tal-innoċenza kif affermata fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea".

11. L-Artikolu 7 rrikjeda li l-Istati Membri jadottaw miżuri sabiex ikunu konformi mad-Deċiżjoni Kwadru sal-15 ta' Marzu 2007.

5 Premessa 1.

6 Ara l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar kif l-aħjar li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Test adottat mill-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tat-3 ta' Diċembru 1998 (ĠU 1999 C 19, p. 1).

7 Premessa 2.

8 Premessa 9.

9 Premessa 10.

### *Id-Direttiva 2014/42*

12. Il-premessa 5 tad-Direttiva 2014/42 tgħid li "[l]-adozzjoni ta' regoli minimi ser tqarreb iktar is-sistemi ta' ffriżar u ta' konfiska tal-Istati Membri, u b'hekk tiffaċilita l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva". Il-premessa 9 tindika li d-Direttiva għandha l-għan li "temenda u li tespandi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2001/500/ĠAI u 2005/212/ĠAI. Dawk id-Deċiżjonijiet Kwadru għandhom jiġu parzjalment sostitwiti għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva" [10].

13. Skont l-Artikolu 1(1) id-Direttiva "tistabbilixxi regoli minimi dwar l-iffriżar tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement u dwar il-konfiska tal-proprjetà f'materji kriminali".

14. Il-punt 3 tal-Artikolu 2 jiddefinixxi "mezzi strumentali" b'mod identiku għad-definizzjoni pprovduta fit-tielet inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI. Il-punt 4 jiddefinixxi "konfiska" bħala "ċaħda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali".

15. L-Artikolu 3 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva [11]:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għar-reati kriminali koperti minn:

(a) Il-Konvenzjoni mfassla skont l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [...];

(b) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI tad-29 ta' Mejju 2000 dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar inkonnessjoni mad-dħul tal-euro;

(c) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti;

(d) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l- intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità;

(e) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

(f) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat;

(g) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi;

(h) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

10 Ir-Renju Unit u d-Danimarka ma ħadux sehem fl-adozzjoni tad-Direttiva 2014/42 u ma kinux marbuta biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha. Ara, rispettivament, il-premessi 43 u 44 tad-Direttiva.

11 Għal skopijiet ta' leġġibbiltà mhux qiegħda nirriproduċi s-sekwenza twila ta' referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali li takkumpanja din il-lista – dawn jinsabu fid-Direttiva 2014/42 innifisha.

(i) Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal- Kunsill 2002/629/ĠAI;

(j) Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal- Kunsill 2004/68/ĠAI;

(k) Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/222/ĠAI,

kif ukoll strumenti legali oħrajn jekk dawk l-istrumenti jipprevedu speċifikament li din id-Direttiva tapplika għar-reati kriminali armonizzati fiha".

16. Konformement mal-Artikolu 4(1) "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-mezzi strumentali u r-rikavat jew il-proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għal tali mezzi strumentali jew rikavat, soġġett għal kundanna definittiva għal reat kriminali, li tista' wkoll tirriżulta minn proċedimenti *in absentia*". L-Artikolu 4(2) jipprovdi li "[m]eta l-konfiska abbażi tal-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, tal-inqas fejn din l-impossibbiltà tkun ir-riżultat ta' mard jew ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw il-mezzi strumentali u r-rikavat f'każijiet fejn ikunu nbdew il-proċedimenti kriminali fir-rigward ta' reat kriminali li jista' jwassal, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, u tali proċedimenti setgħu wasslu għal kundanna kriminali jekk il-persuna suspettata jew akkużata setgħet titressaq quddiem il-qorti".

17. L-Artikolu 5 jirrigwarda l-konfiska estiża ta' proprjetà li tappartjeni lil persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kriminali li tista' tagħti lok, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, fejn qorti tkun issodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni tkun inkisbet minn aġir kriminali. Dan l-artikolu jinkludi lista mhux eżawrjenti ta "reati kriminali" li għalihom "tal-inqas" għandu japplika.

18. L-Artikolu 6(1) jipprovdi għall-konfiska ta' rikavat, jew proprjetà oħra li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għar-rikavat li jkun ġie ttrasferit minn persuna ssuspettata jew akkużata lil partijiet terzi, jew li jkun ġie akkwistat minn partijiet terzi mingħand persuna ssuspettata jew akkużata, tal-inqas jekk dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew messhom kienu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska.

19. L-Artikolu 8(1) jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom".

20. L-Artikolu 12 jistipula li l-perijodu ta' traspożizzjoni għal konformità mad-Direttiva jiskadi fl-4 ta' Ottubru 2016.

21. L-Artikolu 14(1) jipprovdi li "l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI, huma sostitwiti b'din id-Direttiva għall-Istati Membri marbuta minn din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' dawk id-Deċiżjonijiet Kwadru fil-liġi nazzjonali". L-Artikolu 14(2) jispjega li "[g]ħall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi [...] għad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2001/500/ĠAI u 2005/212/ĠAI imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva".

22. L-Artikolu 15 jistipula li d-direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali (29 ta' April 2014) [12].

## Id-dritt nazzjonali

### *Il-Liġi dwar il-Konfiska ta' Assi Miksuba Illegalment*

23. Fl-2012, il-Bulgarija adottat iż-Zakon za otnemane v polza na darzhavata na nezakonno pridobito imushtestvo (il-Liġi dwar il-Konfiska ta' Assi Miksuba Illegalment, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-2012") li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Novembru 2012. Din il-liġi ġiet imħassra permezz taż-Zakon za protivodeystvie na koruptsiata i za otnemane na nezakonno pridobito imushtestvo (il-Liġi dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Konfiska tal-Assi Miksuba Illegalment), ippubblikata fid-19 ta' Jannar 2018. Skont il-Paragrafu 5(1) ta' din l-aħħar liġi, inkjesti u proċeduri li jkunu nbdew taħt il-Liġi tal-2012 għandhom jitlestew konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi mill-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Konfiska tal-Assi Miksuba Illegalment (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni").

24. L-Artikolu 1(1) jispjega li l-għan tal-liġi huwa li jippreskrivi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-konfiska ta' assi miksuba illegalment. Skont l-Artikolu 1(2), meta ma jkunx jista' jiġi identifikat sors leġittimu għall-akkwist tal-assi, dawn l-assi jitqiesu li huma assi miksuba illegalment.

25. L-Artikolu 5(1) jistabbilixxi l-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni bħala awtorità permanenti nazzjonali, indipendenti u speċjalizzata.

26. L-Artikolu 2 jipprovdi li "l-proċeduri deskritti f'din il-Liġi għandhom jitmexxew irrispettivament minn kwalunkwe proċeduri kriminali li jkunu tressqu fil-konfront tal-persuna li tkun taħt inkjesta u/jew persuni f'kollużjoni magħha".

27. Skont l-Artikolu 21(1), il-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni tiftaħ proċeduri meta jkollha suspett raġonevoli li ċertu assi jkunu nkisbu illegalment. L-Artikolu 21(2) jipprovdi li suspett raġonevoli jinħoloq meta wara investigazzjoni jirriżulta li jkun hemm differenza sostanzjali fl-assi fil-pussess tal-persuni suġġetti għal investigazzjoni. L-Artikolu 22(1) jgħid ulterjorment li "l-inkjesta msemmija fl-Artikolu 21(2) għandha tinfetaħ […] f'każijiet fejn persuna tiġi akkużata b'reat kriminali li jissemma […] fl-Artikoli 201 sa 203 tal-Kodiċi Kriminali".

28. L-Artikolu 66(1) u (2) jittratta assi ttrasferiti lil jew ikkontrollati minn persuni ġuridiċi. Dan l-artikolu jgħid li "assi li l-persuna taħt inkjesta tkun ittrasferiet lil persuna ġuridika jew li tkun wettqet depożitu fil-kapital tal-persuna ġuridika f'forma ta' kontribuzzjoni monetarja jew xorta oħra għandhom ikunu suġġett għal konfiska f'każijiet fejn il-persuni li jġestixxu jew jikkontrollaw il-persuna ġuridika kienu jafu jew fiċ-ċirkustanzi kellhom raġuni li jissuspettaw li l-assi kienu inkisbu illegalment"; u "l-assi miksuba illegalment li jappartjenu lill-persuna ġuridika kkontrollata mill-persuna taħt inkjesta jew mill-persuni li jkunu qegħdin jaħdmu flimkien magħha għandhom ukoll ikunu suġġetti għal konfiska".

12 Id-29 ta' April 2014 hija d-data tal-pubblikazzjoni "oriġinali" tad-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali, li kienet segwita bil-pubblikazzjoni tar-rettifika (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2) u verżjoni kkonsolidata fid-19 ta' Mejju 2014.

*Il-Kodiċi Kriminali*

29. L-Artikolu 203(1) tan-Nakazatelen kodeks (il-Kodiċi Kriminali) jikkategorizza misapproprjazzjoni ta' fondi fuq skala kbira minn uffiċjal pubbliku bħala misapproprjazzjoni li hija serja ħafna u li hija punibbli bi priġunerija għal minn 10 sa 20 sena.

**Fatti, proċedura u d-domandi preliminari**

30. Fit-28 ta' Lulju 2014, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Sofija rrapporta lill-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni li BP kien suġġett għal investigazzjoni kriminali preliminari fuq il-bażi li, minn Diċembru 2011 sad-19 ta' Ġunju 2014, fil-kapaċità tiegħu ta' uffiċjal ta' kumpannija (chairman tal-Bord ta' Superviżjoni ta' Korporativna targovska banka AD (iktar 'il quddiem "il-Bank"), huwa (flimkien ma' oħrajn) istiga lil persuni sabiex iwettqu misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Bank li kienu ġew mgħoddija lilhom jew fdati għandhom sabiex jinżammu siguri jew jiġu mmaniġġjati. Is-somom kienu jammontaw għal iżjed minn 205 miljun Lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 105 miljun). Il-fatti għalhekk kienu jindikaw li kienet twettqet misapproprjazzjoni ta' fondi skont it-tifsira tal-Artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali.

31. Fil-5 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fetħet inkjesta, relatata mal-perijodu mill-4 ta' Awwissu 2004 sal-4 ta' Awwissu 2010, li kixfet irregolaritajiet sinjifikattivi fir-rigward tal-assi personali ta' BP. Fil-mori ta' din l-inkjesta l-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni wettqet analiżi tal-pożizzjoni finanzjarja u tat-tranżazzjonijiet konklużi mill-kumpanniji kummerċjali konvenuti li kienu qegħdin jaħdmu flimkien ma' BP, jew li kienu taħt il-kontroll tiegħu. Din l-analiżi kkonkludiet li ċertu tranżazzjonijiet kienu saru permezz ta' riżorsi li nkisbu illegalment, filwaqt li oħrajn ma kinux seħħew iżda servew sabiex jaħbu assi jew riżorsi li kellhom oriġini illegali; u li l-fondi kienu ġew minn self mhux sigur li kien ingħata mill-Bank, u li wassal għall-falliment tal-istess bank.

32. Fl-14 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fetħet proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju għall-iffriżar tal-assi li allegatament kienu nkisbu illegalment minn BP u minn numru ta' persuni naturali u ġuridiċi li tqiesu li kienu assoċjati miegħu jew ikkontrollati minnu (iktar 'il quddiem it-"talba għall-iffriżar"). Fl-20 u fit-28 ta' Mejju 2015, il-qorti tar-rinviju ħadet miżuri sabiex tiffriża l-assi li tagħhom qiegħda tintalab il-konfiska.

33. Il-proċeduri preżenti quddiem il-qorti tar-rinviju, relatati mal-konfiska tal-assi li allegatament inkisbu illegalment, tressqu fit-22 ta' Marzu 2016.

34. Proċeduri kriminali kontra BP *et* infetħu quddiem is-Spetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija) fl-2017 u kienu għadhom pendenti fid-data tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

35. Il-qorti tar-rinvinju tosserva li taħt il-liġi nazzjonali applikabbli fi żmien il-fatti, proċeduri ċivili relatati mal-konfiska tal-assi, bħal dawk li hemm quddiemha, jitressqu irrispettivament minn jekk il-persuna taħt inkjesta tkunx instabet ħatja b'sentenza definittiva. Hija tesprimi dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-liġi mal-istandards minimi għall-konfiska ta' assi li huma stipulati fid-Direttiva 2014/42, li tipprovdi li konfiska tista' ssir fuq assi li jkunu nkisbu permezz ta' reat kriminali li fir-rigward tiegħu persuna tkun instabet ħatja permezz ta' sentenza definittiva.

36. Il-qorti tar-rinviju għalhekk qiegħda titlob deċiżjoni preliminari fuq dawn id-domandi:

“1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/42 […] li jipprevedi l-istabbiliment ta’ ‘regoli minimi dwar l-iffriżar tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement’, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Istati Membri jadottaw regoli dwar konfiska ċivili li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali?

2) Mill-Artikolu 1(1), moqri fid-dawl tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/42, jirriżulta li s-sempliċi tressiq ta’ proċeduri kriminali kontra l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun is-suġġett tal-konfiska huwa biżżejjed sabiex tinfetaħ u titmexxa proċedura ta’ konfiska ċivili?

3) Huwa ammissibbli li tingħata interpretazzjoni wiesgħa tar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/42 li jippermettu konfiska ċivili li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali?

4) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi eżistenza ta’ sproporzjon bejn il-valur tal-proprjetà u d-dħul legali tal-persuni hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-konfiska ta’ proprjetà bħala r-rikavat dirett jew indirett ta’ reat kriminali, fl-assenza ta’ kundanna definittiva li tikkonstata li l-persuna wettqet reat kriminali?

5) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi l-konfiska tal-assi ta’ terzi bħala miżura komplementari jew alternattiva għall-konfiska diretta jew bħala miżura komplementari għall-konfiska estiża?

6) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jinftiehem fis-sens li jiggarantixxi l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta’ innoċenza u fis-sens li jipprojbixxi konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali?”

37. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi mill-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni, minn BP, AB, PB u Trast B OOD konġuntement, minn Dunarit AD, AGRO IN 2001 EOOD u mill-Bank, mill-Gvern Bulgaru, Ċek u Irlandiż u mill-Kummissjoni Ewropea. Fis-seduta tal-5 ta’ Ġunju 2019, il-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni, BP, AB, PB u Trast B OOD, Dunarit AD, il-Bank, il-Gvern Bulgaru u Irlandiż u l-Kummissjoni għamlu sottomissjonijiet orali.

**Evalwazzjoni**

38. Din il-kawża għandha ċertu partikolaritajiet li jirrikjedu li l-Qorti tal-Ġustizzja li titbiegħed mid-domandi mressqa lilha sabiex tkun tista’ tagħti direzzjoni utli lill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-kwistjonijiet li tqajmu.

39. Id-domandi li tressqu jitilqu mis-sempliċi premessa li d-Direttiva 2014/42 tapplika għall-kawża preżenti. Madanakollu jidhrili li għandha ssir analiżi ulterjuri sabiex tiġi identifikata l-liġi tal-Unjoni applikabbli *ratione temporis* u *ratione materiae*. Ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta’ din id-direttiva u dawk tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI għandha wkoll tiġi esplorata.

40. Wara li nkun eżaminajt dawn il-kwistjonijiet, sussegwentement indur għall-essenza tad-domandi mressqa u nikkonċentra (kif rikjest mill-Qorti tal-Ġustizzja) fuq l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 u 5 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI.

### *Id-dritt tal-Unjoni applikabbli ratione materiae*

41. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina n-natura eżatta tar-reati nnotifikati mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Sofija lill-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u li minnhom oriġinaw il-proċeduri preżenti. Dan premess, jidhirli li misapproprjazzjoni ta' fondi bħal dik deskritta fid-deċiżjoni tar-rinviju ma taqax taħt ir-reati koperti mill-istrumenti mniżżla fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/42. Minn dan isegwi, kif issottomettew il-Gvern Bulgaru u dak Ċek, li s-suġġett tal-proċeduri nazzjonali ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2014/42.

42. B'kuntrast għal dan, id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI tapplika għall-konfiska ta' mezzi strumentali u rikavat minn reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iktar minn sena. Minn dan isegwi li reati kriminali bħal ma' huma dawk fil-kawża preżenti, li huma punibbli bi priġunerija għal żmien ta' bejn 10 u 20 sena, effettivament jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għal jekk il-proċeduri fil-kawża preżenti jikkorrispondux għal "konfiska" skont it-tifsira tar-raba' inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru.

### *Id-dritt tal-Unjoni applikabbli ratione temporis*

43. Fil-kawża preżenti hemm żewġ proċeduri nazzjonali paralleli. Fuq naħa waħda hemm proċeduri kriminali dwar misapproprjazzjoni ta' fondi mressqa quddiem il-Qorti Kriminali Speċjalizzata fl-2017 u li kienu għadhom pendenti fid-data tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Fuq in-naħa l-oħra hemm proċeduri li taħt il-liġi nazzjonali huma kklassifikati bħala proċeduri ċivili u li bdew bit-talba għall-iffriżar fl-14 ta' Mejju 2015 u bl-iffriżar konsegwenti mill-qorti tar-rinviju fl-20 u fit-28 ta' Mejju 2015 tal-assi li allegatament inkisbu illegalment. Dawn il-proċeduri tkomplew bl-azzjonijiet għall-konfiska ta' dawn l-assi, introdotti mill-Kummissjoni għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fit-22 ta' Marzu 2016 u għadhom pendenti.

44. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika d-dati rilevanti, iżda jidhrili li l-perijodu preskritt għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/42 skada fl-4 ta' Ottubru 2016. Din id-direttiva hija rilevanti *ratione temporis* għall-proċeduri preżenti? Għalkemm id-Direttiva ma tapplikax *ratione materiae* din il-kwistjoni xorta hija importanti peress li d-Direttiva tissostitwixxi ċertu dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru.

45. Hija ġurisprudenza stabbilita li direttiva jista' jkollha effett dirett biss wara li jiskadi t-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali[13]. Għaldaqstant, id-Direttiva 2014/42 ma tistax tiġi invokata quddiem il-qrati nazzjonali fir-rigward ta' proċeduri miftuħa fit-22 ta' Marzu 2016, qabel l-iskadenza tal-perijodu preskritt għall-implimentazzjoni tagħha. Matul dan il-perijodu, madanakollu, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jieħdu kull miżura li tista' tikkomprometti serjament il-kisba tar-riżultat preskritt[14].

46. Minn dan isegwi li l-istrument tal-Unjoni rilevanti għall-konfiska ta' assi relatati mal-kriminalità u applikabbli fiż-żmien materjali huwa d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI.

### *Id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/42*

47. Kif previst fl-Artikolu 9(1) tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, id-Direttiva 2014/42 emendat id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI mid-data li fiha daħlet fis-seħħ id-Direttiva (20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali fid-29 ta' April 2014).

13 Ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, Velasco Navarro (C-246/06, EU:C:2008:19, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).
14 Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, EU:C:1997:628, punt 45).

48. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva huwa limitat għall-oqsma ta' kriminalità msemmija fl-Artikolu 83(1) TFUE. Dan jimplika li dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni dwar konfiska jeżistu sabiex jintlaħaq livell ta' armonizzazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet kriminali li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42. Għalhekk, l-Artikoli 2, 4 u 5 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI jibqgħu fis-seħħ [15].

49. Speċifikament, l-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva 2014/42 jipprovdi li d-Direttiva għandha tissostitwixxi l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI għall-Istati Membri marbuta minnha u li referenzi għall-artikoli ssostitwiti tad-Deċiżjoni Kwadru "għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva".

50. Il-mistoqsija li tqum hija: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati bħala parti mid-Direttiva jew bħala parti mid-Deċiżjoni Kwadru?

51. Fil-fehma tiegħi peress li dawn id-dispożizzjonijiet joħorġu mid-Direttiva, huma l-għanijiet u l-iskema tad-*Direttiva* li għandhom jiggwidaw l-interpretazzjoni tagħhom pjuttost milli dawk tad-Deċiżjoni Kwadru. Dan jaqbel mal-formulazzjoni sempliċi tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva. Barra minn hekk, dan jirrispetta l-bżonn għal interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni: L-istess dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati b'mod differenti skont jekk jinqrawx fil-kuntest tad-Direttiva jew fil-kuntest tad-Deċiżjoni Kwadru.

52. Sa fejn id-deċiżjoni kwadru ma ġietx "revokat[a], [ma saritx] null[a] jew [ġiet] emendat[a]" skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, hija żżomm il-karattru legali tagħha. Meta dispożizzjoni individwali tiġi emendata (jew, fil-każ preżenti, issostitwita) b'direttiva, huwa biss il-karattru legali individwali ta' dik id-dispożizzjoni li jinbidel. Madanakollu tibdil f'dispożizzjoni individwali ma jistax ibiddel in-natura legali tal-istrument legali sħiħ li fih tkun tinsab dik id-dispożizzjoni. Minflok, li jiġri hawn huwa li d-deċiżjoni kwadru oriġinali ssir strument legali mħallat li jkollha elementi kemm ta' deċiżjoni kwadru kif ukoll ta' direttiva [16].

53. L-element partikolari tal-kawża preżenti huwa li l-proċeduri nazzjonali ta' konfiska nbdew *wara* li d-Direttiva daħlet fis-seħħ (u allura wara li t-test tad-Deċiżjoni Kwadru ġie emendat) iżda *qabel* ma skada t-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali.

54. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li ssostitwixxew l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI għalhekk ma setgħux jiġu invokati quddiem qrati nazzjonali qabel l-4 ta' Ottubru 2016. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-kawża preżenti, id-Deċiżjoni Kwadru tibqa' applikabbli fil-forma tagħha mhux emendata. Madanakollu, fil-perijodu stabbilit għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jadottaw kull miżura li tista'

15 Din hija fil-fatt il-pożizzjoni spjegata fil-punt 2.3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (COM(2012) 85 final).

16 Il-fehma li qiegħda nressaq hawnhekk tikkorrispondi ma' wieħed minn żewġ modi kif jistgħu jiġu interpretati deċiżjonijiet kwadru esplorati minn Satzger, H., "Legal effects of directives amending or repealing Pre-Lisbon framework decisions", *New Journal of European Criminal Law*, Vol. 6, ir-raba' ħarġa, 2015, 528-537. It-tieni mod possibbli, li ġie mwarrab mill-awtur, huwa li wieħed jaċċetta li deċiżjonijiet kwadru, meta "mimsusa" minn direttiva li temenda, jinbidlu f'direttivi (l-ekwivalenti leġiżlattiv ta' messa tad-deheb ta' Mida). Li kieku wieħed kellu jaċċetta din l-idea, strumenti legali li ma jkunux ġew adottati bis-salvagwardji li japplikaw għal direttivi (u naħseb b'mod partikolari fir-rwol tal-Parlament Ewropew f'waħda minn dawn il-proċeduri) jiksbu b'mod awtomatiku l-effetti legali ta' direttivi. Għaldaqstant inwarrab il-fehma adottata minn F. Zeder li l-Artikoli 9 u 10(2) tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji moqrija flimkien jistgħu biss jinftehmu li jfissru li "kwalunkwe emenda ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' att tfisser 'lisbonizzazzjoni' tal-att fit-totalità tiegħu" [traduzzjoni libera] (Ara Zeder, F. "Typology of pre-Lisbon acts and their legal effects according to Protocol No 36", *New Journal of European Criminal Law*, Vol. 6, ir-raba' ħarġa, 2015, 487).

tikkomprometti serjament ir-riżultat preskritt bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jemendaw id-Deċiżjoni Kwadru [17]. Hawnhekk infakkar li l-ġurisprudenza Pupino, li tirrikjedi li qrati nazzjonali jinterpretaw il-liġi nazzjonali kemm jista' jkun fid-dawl tal-kliem u tal-għan tad-deċiżjonijiet kwadru sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq, tibqa' ta' importanza kbira [18].

## *Il-kwistjonijiet imqajma mid-domandi preliminari*

55. Permezz tal-ewwel sar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk proċeduri nazzjonali ta' konfiska bħalma huma dawk fil-kawża preżenti (li jinfetħu meta jinbdew proċeduri kriminali iżda li fihom issir konfiska mingħajr ma jkun hemm kundanna) humiex kompatibbli ma' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/42.

56. Permezz tas-sitt domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tqajjem tħassib dwar l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' innoċenza, peress li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42 jipprekludi konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali.

57. Ser neżamina l-kwistjonijiet imqajma mill-qorti tar-rinviju fid-dawl tal-liġi tal-Unjoni applikabbli *ratione materiae* u *ratione temporis*, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI, u b'mod iktar partikolari l-Artikoli 2 u 5 tagħha (kif rikjest mill-Qorti tal-Ġustizzja). Ma iniex ser nindirizza l-ħames domanda tal-qorti tar-rinviju peress li din hija rilevanti biss fil-kuntest tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/42, li ma huwiex applikabbli għall-kawża preżenti.

### *Il-konfiska taħt id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI*

58. L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI jintroduċi l-obbligu għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw mezzi strumentali u rikavat minn reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iktar minn sena. Il-konfiska hija ddefinita fir-raba' inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru bħala "penali jew miżura, ordnata minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni finali ta' proprjetà" [19].

59. Huwa possibbli li dawn id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI jiġu interpretati *qabel* ma l-emenda tagħha bid-Direttiva 2014/42 daħlet fis-seħħ fis-sens li jipprekludu l-possibbiltà li Stati Membri jimplimentaw sistema ta' konfiska bħal dik inkwistjoni fil-kawża preżenti, fejn il-konfiska ma tkunx tiddependi minn kundanna kriminali finali?

60. Fil-fehma tiegħi, it-tweġiba hija "le".

61. Il-bażi legali tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI hija t-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jirrigwarda l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, u b'mod iktar speċifiku l-Artikolu 29, 31(1)(c) u 34(2)(b) tiegħu. Għaldaqstant, l-għan tad-Deċiżjoni Kwadru huwa li jiżgura li jkun hemm kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri, sa fejn dan huwa neċessarju sabiex titjieb il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet u regolamenti tagħhom u li jiżgura li lkoll ikollhom regoli effettivi li jiggvernaw il-konfiska ta' rikavat minn reati [20]. Id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI hija marbuta mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni

17 Ara punt 45 u n-nota ta' qiegħ il-paġna numru 13 iżjed 'il fuq.

18 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, *Pupino*, C-105/03, EU:C:2005:386, paragrafu 43. Ara wkoll Lenaerts, K., "The contribution of the European Court of Justice to the area of freedom, security and justice", International and Comparative Law Quarterly, Vol. 59, Nru 2, 2010, 255-301, 271.

19 Id-definizzjoni ta' konfiska fil-punt 4 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/42 bħala "ċaħda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali" hija ftit differenti. Din id-definizzjoni tieħu post dik tad-Deċiżjoni Kwadru kif ġie spjegat fil-punti 49 u 54 iktar 'il fuq.

20 Ara l-Artikolu 31(1)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-premessa 10 tad-Deċiżjoni Kwadru.

Kwadru 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska, li l-għan tagħha hu li jistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru għandu jirrikonoxxi u jeżegwixxi fit-territorju tiegħu, ordni ta' konfiska maħruġa minn qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha l-kompetenza f'materji kriminali [21].

62. In-nota ta' spjegazzjoni dwar l-inizjattiva tar-Renju tad-Danimarka għal abbozz ta' Deċiżjoni Kwadru dwar il-konfiska ta' rikavat, mezzi strumentali u proprjetà konnessi mal-kriminalità tippreżenta d-deċiżjoni kwadru proposta bħala "strument orizzontali" sabiex jiġi ddeterminat mingħajr ambigwità liema huma l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-konfiska [22].

63. Mill-bażi legali u mill-għan tad-Deċiżjoni Kwadru, kif ukoll mill-kuntest li fih ġiet adottata, isegwi li hija strument (i) relatat biss ma' materji kriminali; (ii) għandu l-għan li jiżgura kompatibbiltà ta' liġijiet fl-Istati Membri sa fejn dan huwa neċessarju għall-kooperazzjoni tagħhom; (iii) jintroduċi fl-Istati Membri l-obbligu taħ teħid tal-miżuri neċessarji għall-konfiska ta' mezzi strumentali u rikavat konnessi mal-kriminalità; u (iv) li japprossima l-liġijiet tal-Istati Membri fis-suġġetti koperti, bil-għan li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska. Il-kunċett huwa wieħed ta' approssimazzjoni minima ta' liġijiet ("sa fejn dan hu neċessarju għall-kooperazzjoni").

64. Taħt id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI, mezzi strumentali u rikavat ta' reati kriminali huma suġġetti għal konfiska (l-Artikolu 2(1)) ordnata minn qorti wara li jkunu seħħew proċeduri "fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali" (ir-raba' inċiż tal-Artikolu 1). Din id-definizzjoni tikkorrispondi għad-definizzjoni fl-Artikolu 1(d) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-8 ta' Novembru 1990 dwar il-Ħasil, it-Tfittxija, il-Qbid u l-Konfiska tad-Dħul mill-Kriminalità [23]. F'dan l-istadju huwa utli li wieħed jiftakar li l-għan tal-Konvenzjoni huwa limitat għal attività kriminali jew atti konnessi ma' attività kriminali [24]. Il-bażi legali, il-kuntest u l-kliem tad-Deċiżjoni Kwadru jindikaw li din għandha tinftiehem bl-istess mod.

65. Proċeduri kriminali huma dawk mibdija mill-mument li fih persuna tiġi informata li hija ssuspettata jew akkużata li wettqet reat kriminali, u jkomplu sal-konklużjoni finali tal-kwistjoni dwar jekk din il-persuna wettqitx ir-reat, inkluż, meta applikabbli, l-għoti ta' sentenzi u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell [25].

66. Huwa evidenti li l-proċeduri inkwistjoni quddiem il-qorti nazzjonali ma humiex "proċeduri kriminali". Abbażi tal-elementi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja wasalt għall-konklużjoni li dawn lanqas ma huma proċeduri "fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali" fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru.

67. Filwaqt li dawn huma kwistjonijiet li jridu jiġu vverifikati mill-qorti nazzjonali, dawn il-proċeduri ġew deskritti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bħala proċeduri taħt il-liġi ċivili (koeżistenti mas-sistema ta' konfiska taħt il-liġi kriminali). Għandhom biss punt ta' kuntatt wieħed ma' proċeduri kriminali: jinbdew mill-awtorità nazzjonali indipendenti meta din tiġi informata li persuna ġiet akkużata b'ċertu reat kriminali. Ladarba jinbdew, il-proċeduri ċivili jitmexxew irrispettivament mill-proċeduri kriminali li jkunu tressqu fil-konfront tal-persuna li tkun taħt inkjesta (ara l-Artikolu 2 tal-Liġi tal-2012).

21 Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/GAI tas-6 ta' Ottubru 2006 (ĠU 2010 L 239M, p. 240). Ara l-premessa 10 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI.

22 Komunikazzjoni mir-Renju tad-Danimarka, Dokument tal-Kunsill Nru 9956/02 ADD 1 (iktar 'il quddiem in-"nota ta' spjegazzjoni dwar l-inizjattiva Daniża").

23 Ara n-Nota ta' spjegazzjoni dwar l-inizjattiva Daniża, p. 5. Hawnhekk ninnota li l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU 2001 L 182, p. 1) jagħmel riferiment, għad-definizzjoni ta' "konfiska" fil-kuntest tiegħu, għal din il-konvenzjoni.

24 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Kunsill għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil, it-tfittxija, l-qbid u l-konfiska tat-8 ta' Novembru 1990, p. 6 u 7.

25 Ara, f'dan is-sens iżda b'relazzjoni għall-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU 2010 L 280, p. 1), is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 36).

Il-proċeduri ċivili jiffukaw fuq l-assi (u mhux fuq il-persuna li tkun taħt inkjesta). L-oriġini u l-mod ta' kif inkisbu l-assi jiġu investigati bil-għan li jiġi ddeterminat jekk dawn l-assi għandhomx jiġu ffriżati u/jew eventwalment ikkonfiskati. Il-konfiska tibqa' mhux relatata mal-eżitu tal-proċeduri kriminali. Ma hijiex marbuta ma' jekk reat kriminali jiġix ipprovat fil-konfront tal-persuna li tkun taħt inkjesta.

68. Għaldaqstant naqbel mas-sottomissjoni li għamlet il-Kummissjoni waqt is-seduta, li sistema ta' konfiska bħal din taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru. Nasal għall-istess konklużjoni wkoll fuq il-bażi tal-kliem użat fir-raba' inċiż tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru kif emendat bid-Direttiva 2014/42. Filwaqt li d-definizzjoni ta' "konfiska" ġiet immodifikata [26], il-formula kruċjali "fir-rigward ta' reat kriminali" baqgħet mhux mittiefsa.

69. Ma naħsibx li din il-konklużjoni hija affettwata bil-fatt li l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra minbarra l-proċeduri kriminali sabiex iċaħħdu lill-awtur ta' reati fiskali mir-rikavat tar-reat [27]. Il-kliem ta' din id-dispożizzjoni jżomm rabta ċara ma' proċeduri kriminali ("awtur" u "rikavati tar-reat"). Din id-dispożizzjoni ma tistax tinqara b'mod li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru għal konfiska li ma hijiex relatata ma' proċeduri kriminali.

70. Għall-finijiet ta' kompletezza, inżid biss li jekk il-proċeduri prinċipali jitqiesu li huma relatati ma' proċeduri kriminali, u għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru, ma hemm xejn f'din id-deċiżjoni kwadru (b'mod differenti mid-Direttiva 2014/42) li jistipula li konfiska hija dipendenti fuq kundanna kriminali definittiva. Ir-raba' inċiż tal-Artikolu 1 tagħha jiddefinixxi konfiska bħala "penali jew miżura, ordnata minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni finali ta' proprjetà". Id-Deċiżjoni Kwadru hija siekta dwar l-eżitu tal-proċeduri kriminali. Huwa perfettament minnu li konfiska fil-kuntest tad-*Direttiva* hija "soġġett għal kundanna definittiva għal reat kriminali" (l-Artikolu 4(1)) [28]. Madanakollu dan l-artikolu ma huwiex wieħed minn dawk li ssostitwixxa artikoli tad-Deċiżjoni Kwadru.

71. Għaldaqstant nikkonkludi li d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI ma tipprekludix proċeduri ta' konfiska bħalma huma dawk pendenti quddiem il-qorti nazzjonali, fejn dawn il-proċeduri ma humiex "fir-rigward ta' reat kriminali" u l-ftuħ tagħhom ma jiddependix minn kundanna kriminali.

*Il-preżunzjoni ta' innoċenza*

72. L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI jtenni l-obbligu li tiġi rrispettata l-preżunzjoni ta' innoċenza. Il-preżunzjoni ta' innoċenza hija rrikonoxxuta fl-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

73. Hija ġurisprudenza stabbilita li d-drittijiet fundamentali ssalvagwardati fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda mhux lil hinn minn tali sitwazzjonijiet [29].

74. Għar-raġunjiet li semmejt hawn fuq, proċeduri ta' konfiska bħal dawk pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju ma jistgħux jitqiesu li huma "fir-rigward ta' reat kriminali" u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru. Għalhekk l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Kwadru u l-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma humiex applikabbli fil-kawża preżenti.

26 Ara l-punt 14 iktar 'il fuq.

27 Ara l-punt 8 iktar 'il fuq.

28 Ara l-punt 16 iktar 'il fuq.

29 Fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 21), il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li "*[l]-applikabbiltà* tad-dritt tal-Unjoni timplika l-applikabbiltà tad-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta" (enfasi miżjuda). Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punt 49).

**Konklużjoni**

75. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi mressqa mis-Sofiyski Gradski Sad (il-Qorti tal-Belt ta’ Sofija, il-Bulgarija) kif ġej:

“Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta’ Frar 2005 dwar il-Konfiska ta’ Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità ma tipprekludix proċeduri ta’ konfiska bħalma huma dawk pendenti quddiem il-qorti nazzjonali, fejn dawn il-proċeduri ma humiex ‘fir-rigward ta’ reat kriminali’ u l-ftuħ tagħhom ma jiddependix minn kundanna kriminali”.